MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 13/2014

Appell Nru: 13/2014

Il-Pulizija

[Maggur Josephine Gauci]

Vs

Carmelo Mifsud

Illum, 27 ta' Marzu, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Carmelo Mifsud, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 79074M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Gunju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Antonia Mifsud u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi

zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-13 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sabet lill-imputat Carmelo Mifsud hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Jannar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih; jew
2. B' mod alternattiv tvarja s-sentenza appellate billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet htija pero thassara f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundannah ghal-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragjonevoli tasal ghall-htija ta' l-appellant stante li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas l-manteniment lill-martu ghat-tliet uliedu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-piena inflitta minn l-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda esagerata tenut kont li l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemperax ruhu mad-digriet tal-Qorti imma biss minhabba li huma impossibbli ghalih li ihallas lil martu sakemm ma jissellifx il-flus minghand in-nies.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa separat minn ma' martu u permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Familja tas-sitta (6) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) huwa kien obbligat ihallas ihallas lil martu ammont ta' manteniment ghat-tfal minuri taghhom. Jidher illi l-appellant naqas li jhallas il-manteniment ghax-xahar ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) u l-mara tieghu Antonia Mifsud ghamlet rapport lill-pulizija li pprocedew kontra l-appellant u b'sentenza tat-tlettax (13) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant gie ikkundannat ghal gimgha detenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu li l-ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u b'mod ragjonevoli ssib il-htija fih peress illi kien fl-impossibiltà li jhallas il-manteniment lil martu u t-tlett uliedu.

Skont kif l-istess appellant qal lil PC 1140 Marcus Cachia (fol 11) ma hallasx il-manteniment peress illi mhux qed jahdem u jghix bir-relief. Barra minn hekk huwa ghadu qed ihallas l-ammont dovut tal-manteniment ghax-xhur ta' qabel Gunju u di più ghandu zewgt itfal ohra jghixu mieghu u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni illi jhallas il-manteniment kif stipulat.

Fil-mori ta' dan l-appell però l-appellant salda l-ammont li kellu jhallas lil martu Antonia tant illi b'verbal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) l-Avukat Adrian Camilleri li kien qieghed jidher ghal mara tal-appellant Antonia, iddikjara li l-klijenta tieghu irceviet l-ammont kollu dovut lilha u ghal dak li jirrigwarda din ic-citazzjoni ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi skont il-gurisprudenza konstanti ta' pajjizna l-iskuza ta' nuqqas ta' xoghol jew mard ma tistax tigi accettata f'kwistjonijiet ta' manteniment ordnat mill-Qorti jew skont stipulazzjonijiet kontrattwali. Dan ghaliex hadd ma jista' jiehu azzjoni unilaterali sabiex jitwarrab obbligu assunt b'mod legali.

Fil-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 1998 intqal "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment dovut anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimendu li ghandu u li kellu l-appellant kien illi jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti sabiex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li tottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri 18/09/2002 u Il-Pulizija versus Lawrence

Mifsud 15/10/2009). Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija l-ewwel Qorti imxiet skont il-prassi u sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u imponiet piena li hija fil-parametri tal-ligi. Però fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas l-obbligazzjoni illi kellu lil martu u f'dan il-kaz din il-Qorti mhiex insensittiva ghal din is-sitwazzjoni fejn ukoll skont il-prassi l-Qorti tkun propensa illi timmodifika l-piena. Tant hu hekk illi fil-kawza Il-Pulizija versus Publius Said (25/09/2003) il-Qorti qalet, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontroversja fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena ...".

U dana huwa proprju dak li ser taghmel din il-Qorti. Il-Qorti tirrileva però illi skont il-fedina penali tal-appellant jidher illi ta' spiss dan qed isib ruhu l-Qorti fuq kwistjonijiet ta' manteniment kif ukoll attitudni versu membri tal-familja tieghu bi ksur sfaccat tar-regolamenti illi ta' sikwit kien ikollu jersaq quddiem il-Magistrat kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Familja. Ghalhekk din il-Qorti taghmilha cara illi dina se tkun l-ahhar darba illi l-Qorti se taghmel xi temperament fil-piena. Jekk l-appellant jerga' jigi quddiemha darba ohra fuq l-istess imputazzjonijiet in konnessjoni ma' xi dizgwid mal-familja tieghu din il-Qorti mhiex se tkun aktar obbligata illi taghmel varjazzjoni fuq il-piena originarjament maghmula.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet il-htija izda tirriformaha ghall-piena u flok gimgha detenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------